# IL-QORTI ĠENERALI

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2021 – EMS Electro Medical Systems vs EUIPO (AIRFLOW)**

**(Kawża T-751/21)**

(2022/C 64/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* EMS Electro Medical Systems GmbH (Munchen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K. Scheib u C. Schulte, lawyers)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "AIRFLOW" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 533 193

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Settembru 2021 fil-Każ R 546/2021-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti minn EMS Electro Medical Systems GmbH.

**Motivi invokati**

— Interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1)(c) u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1)(b) u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2021 – C&C IP UK vs EUIPO – Tipico Group (t)**

**(Kawża T-762/21)**

(2022/C 64/42)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* C&C IP UK Ltd (Bristol, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Tipico Group ltd. (San Ġiljan, Malta)